**Jekk jirnexxielek taraha, aktarx li tkun wieqfa fuq saqajha. Jekk tkun xortik tajba forsi tilmaħha b'xi ġurdien f'ħalqha. Ċaqliqa waħda u . . . f'leħħa ta' berqa tkun għebet.**

# IL-BALLOTTRA

*Saviour Balzan*

Il-Ballottra tixbaħ ħafna lin-nemes, iżda hi iżgħar u m'għandiex id-dabra sewda fuq id-denb. Bħan-nemes, il-ballottra tista' tbiddel il-pil tagħha fil-ħarifa, fejn dan jiċċara u jsir abjad. Iżda x-xitwa tagħna m'hiex kiefra biżżejjed biex iġġiegħel lill-ballottra tbiddel il-kulur tal-pil. Bħall-membri l-oħra tal-familja tagħha, il-ballottra hi annimal feroċi u teħodha anke ma' annimali ferm akbar minnha. Mhux l-ewwel darba li wieħed jara ballottra għaddejja fuq xi ħajt tas-sejjieh iġġorr xi far darbtejn jew tliet darbiet il-piż tagħha.

Il-ballottra tinstab fl-Ewropa, fl-Asja, kif ukoll fil-Ġappun. Il-ballottra mhux annimal li għandu xi ambjent partikolari. Għalhekk wieħed jista' jsibha fix-xagħri, fir-raba', fil-widien u anke fl-inħawi tal-ftit imsaġar naturali li jinstabu f'pajjiżna. Għalkemm il-ballottra tinstab kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, s'issa din għadha qatt ma ġiet osservata f'Kemmuna.

Hu ferm diffiċli li wieħed jisma' l-għajta jew anke in-nebħa karatteristika tagħha. Wieħed ikun fortunat biżżejjed jekk jinzerta xi darba jaħsad lill-ballottra.

## IKEL

Hemm provi li l-ballottra tikkaċċja f'koppji jew anke fi gruppi akbar. Il-ballottra tiddependi fuq il-ħeffa u l-elementi tas-sorpriża. Hi tokkupa territorji li aktarx timmarka b'sinjal kimiċi magħmula minn ċerti glandoli. Il-ballottra tiekol l-aktar firien, ġrieden ta' l-imramma, żrinġijiet, agħsafar żgħar u l-bajd mill-bejtiet ta' l-agħsafar. Hi ma tiddejjaqx mill-ilma u tista' wkoll titla' mas-siġar. Xi drabi tagħmel xi ħsara f'xi gallinar tat-tiġieġ, iżda dawn huma każijiet rari.

## FRIEĦ

Il-ballottra mara tibni l-bjeta minn weraq nixfien f'xi toqob fil-ħajt jew f'xi siġra. Il-ballottra tkun tqila minn Marzu sa Awissu, iżda l-aktar minn April sa Mejju. Wara sitt ġimgħat il-ballottra twelled minn tlieta sa ħames frieħ. Dawn idumu xahar jiddependu fuq il-ħalib ta' ommhom. Dawk il-frieħ li jitwieldu kmieni f'istaġun jista' jkollhom iż-żgħar tagħhom f'Awissu ta' l-istess sena. Hu magħruf li l-ballottra tgħix sa sitt snin.

## IL-BNIEDEM L-AKBAR GĦADU

Forsi l-ballottra hi magħrufa l-aktar għall-qerda tat-tiġieġ. Minħabba f'hekk issofri ħafna u tispiċċa bosta drabi maqtula u bbalzmata. Kaċċaturi ma jaħsbuhiex darbtejn biex jisparaw fuq dan l-annimal. Għalkemm kif ġa ktibna il-ballottra xi drabi tattakka xi gallinar tat-tiġieġ, dawn id-drabi ma humiex daqshekk komuni daqs kemm igħidu. Fil-biċċa l-kbira l-ballottri għandhom post siewi fl-ambjent naturali Malti. Minn studji li saru dwar il-ħajja tal-ballottri, rriżulta li ballottra raġel u mara bejnithom jaqbdu mat-8000 ġurdien.

Il-preżenza tal-ballottra fil-kampanja Maltija hi mhux biss bżonnjuża, iżda ta' sodisfazzjon kbir u dan hu biżżejjed biex il-ballottra tiġi mħarsa bil-liġi. ●

**ISEM Malti: Ballottra**
**Ingliż: Weasel**
**Xjentifiku:** *Mustela nivalis*

TUL: 17 sa 22 ċentimetru

PIŻ: 50 sa 95g

PIL: Kanella ċar jagħti fl-aħmar, bl-abjad ma' sidru u taħt l-għonq

STATUS LEGALI: Mhux protett.




Saviour Balzan

